

## Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/522/PESK, tat-2 ta' Settembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 228, p. 16), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/628/PESK, tat-23 ta' Settembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK (ĠU L 247, p. 17), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u [li] tħassar id-Deċiżjoni 2011/273 (ĠU L 319, p. 56), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 878/2011, tat-2 ta' Settembru 2011, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 228, p. 1), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, tat-18 ta' Jannar 2012, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 16, p. 1), sa fejn isem ir-rikorrent jinsab fil-lista tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u, min-naħa l-oħra, talba għall-ħlas ta' danni bħala kumpens għad-dannu mġarrab.

## Dispożittiv

- (1) Ma għadx kemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal-intervent tal-Kummissjoni Ewropea.
- (2) Ir-rikors huwa miċħud.
- (3) Issam Anbouba għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 25, 28.01.2012.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2013 — Anbouba vs Il-Kunsill

(Kawża T-592/11) <sup>(1)</sup>

“Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta’ fondi u ta’ riżorsi ekonomiċi — Preżunzjoni ta’ innocence — Oneru tal-prova — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta’ motivazzjoni”

(2013/C 313/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrent: Issam Anbouba (Homs, is-Sirja) (rappreżentanti: M.-A. Bastin, J.-M. Salva u J.-N. Louis, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment R. Liudvinaviciute-Cordeiro u M.-M. Joséphidès, sussegwentement R. Liudvinaviciute-Cordeiro u A. Vitro, aġenti)

## Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/684/PESK, tat-13 ta' Ottubru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

(ĠU L 269, p. 33), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u [li] tħassar id-Deċiżjoni 2011/273/PESK (ĠU L 319, p. 56), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1011/2011, tat-13 ta' Ottubru 2011, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 269, p. 18), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, tat-18 ta' Jannar 2012, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 16, p. 1), u tar-Regolament ta' Implettazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 410/2012, tal-14 ta' Mejju 2012, li jipplimenta l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 (ĠU L 126, p. 3), sa fejn l-isem tar-rikorrent jinsab fil-lista tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u, min-naħa l-oħra, talba għall-ħlas ta' danni bħala kumpens għad-dannu mġarrab.

## Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Issam Anbouba huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 25, 28.01.2012.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013 — De Nicola vs BEI

(Kawża T-618/11 P) <sup>(1)</sup>

“(Appell — Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Promozzjoni — Proċedura ta’ evalwazzjoni u ta’ promozzjoni 2008 — Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appell — Portata tal-istħarriġ — Rapport ta’ evalwazzjoni — Eċċezzjoni ta’ illegalità — Terminu raġonevoli — Talba għal annullament — Talba għal īlas ta’ kumpens għad-danni — Litispendance”)

(2013/C 313/50)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Partijiet

Appellant: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgo) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Appellat: Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (rappreżentanti: inizjalment minn T. Gilliams u F. Martin, sussegwentement minn T. Gilliams u G. Nuvoli, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

## Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Settembru 2011, De Nicola vs BEI (F-13/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u bil-għan tal-annullament ta' din is-sentenza.